MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2013

Numru. 1225/2009

**SPETTUR FABIEN FLERI**
**VS**
**MARIANO POLIDANO**
**EVAN POLIDANO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Mariano Polidano ta' 58 sena, bin Ruzarju u Giuseppa nee' Mangion, mwieled Zurrieq fil- 11 ta' Marzu 1955, residenti 43, David, Triq Ganni Vassallo, Luqa u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 224255M;

U

Evan Polidano ta' 29 sena, bin Mariano u Jane nee' Fenech, mwieled Pieta' fit- 3 ta' Settembru 1983, residenti 43, David, Triq Ganni Vassallo, Luqa u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 467683M;

Talli fit- 18 ta’ Novembru 2009 u snin ta’ qabel gewwa Triq il- Wilga, Luqa u Triq il- Gudja, Luqa, b’ diversi atti maghmulin mill- hatja cioe Mariano Polidano u Evan Polidano, ukoll jekk fiz- zminijiet differenti, jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal- ligi u jkunu gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda;

1) Talli fl- istess zminijiet, lok u cirkostanzi ghamlu jew xjentement zammu jew kellhom ghandhom jew taht il-kontroll taghhom xi sustanza esploziva, taht dawk ic-cirkostanzi illi jaghtu ghaliex wiehed ghandu bir- ragun jahseb li huma ghamluha, zammewha jew kienet ghandhom ghal hsieb mhux lecitu;

2) Talli fl- istess zminijiet, lok u cirkostanzi ipposjedew jew zammew, kwantita’ ta’ aktar minn 150KG ta’ LPG minghajr awtorizazzjoni valida skont ir-regolamenti;

3) Talli fl- istess zminijiet, lok u cirkostanzi ghamlu uzu minn dawk is- servizzi jew facilitajiet ta’ Enemalta minghajr dik il- licenzja jew dak il- permess mehtieg jew kisru jew naqsu li jharsu l- kundizzjonijiet ta’ licenzja bhal dik jew permess bhal dak;

4) Talli fl- istess zminijiet, lok u cirkostanzi wettqu xi attivita jew operazzjoni jew kienu ngaggati f’ xi attivita jew operazzjoni tali li tirrigwarda r- rizorsi tal- energija, l- ilma u l- minerali minghajr ma kellhom licenzja, permess jew awtorizzazzjoni ohra tal- awtorita’ taht dan l- att;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat Mariano Polidano huwa wiehed mid-distributuri tac-cilindri tal-gass, u ghandu jahdem mieghu lil ibnu, l-imputat Evan Polidano. Bhal ma jghamlu d-distributuri

kollha, l-imputat Mariano Polidano kellu numru ta’ cilindri mizmuma ghandu f’zewg fondi separati, presumibbilment sabiex ikun jista’ jiggestixxi n-negozju tieghu b’mod efficjenti u dejjem ikollu bizzejjed cilindri x’ibiegh lill-pubbliku. Gara, izda, li ttiehdu passi kriminali kontra tieghu u kontra ibnu talli haznu ammont ta’ cilindri kontra l-ligi u kontra r-regolamenti tax-xoghol f’dan is-settur. Sahansitra gew akkuzati li kellhom hazna ta’ splussivi ghal hsieb mhux lecitu.

Il-provi prodotti juru li hemm qbil kwazi totali bejn il-partijiet fuq il-fatti hekk kif esposti. Li ma hemmx qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiza kienet dwar l-interpretazzjoni ta’ dawk l-istess fatti. Mhux kontestat li l-imputat Mariano Polidano kellu numru mdaqqas ta’ cilindri mizmuma f’zewg fondi, kif gia’ espost aktar ‘il fuq. Li ma hemmx qbil huwa jekk tali zamma ta’ numru ta’ cilindri jikkostitwixxix reat jew ir-reati kif indikati f’din it-tahrika. Kwantu ghall-ewwel imputazzjoni, dik taht l-Artikolu 313 tal-Kap 9 assolutament ma jirrisultawx f’din il-kawza. Fl-ewwel lok, *liquid petroleum gas* jew LPG wahdu mhuwiex sustanza esploziva, sakemm ma jigix in kuntatt ma’ fjamma. Meta jinzamm f’cilindru apposta, huwa innokwu. Barra minn hekk, sabiex tirrizulta din l-imputazzjoni, trid tigi ppruvata l-intenzjoni li l-awtur kellu hsieb mhux lecitu. Iz-zamma ta’ cilindri tal-gass biex dawn jigu mqassma bil-vetturi u mibjugha lill-pubbliku ma jaqax taht hsieb mhux lecitu. Ghalhekk din l-imputazzjoni ma rrisultatx.

Kwantu ghall-imputazzjonijiet l-ohra, dawn jaqghu taht ir-regolamenti specjali li jirregolaw it-tqassim tac-cilindri tal-gass u d-distributuri taghhom. Hawnhekk jidher li tezisti anomalija tipikament maltija, fis-sens li ma jesistux licenzji ad hoc ghad-distributuri u ghaz-zamma ta’ cilindri, izda huwa fatt maghruf li hawn diversi distributuri tal-gass. Ghal xi raguni, pero’ ittiehdu passi kriminali biss kontra Mariano Polidano u ibnu. Mill-mod kif inhuma intestati fit-tahrika l-imputazzjonijiet, jidher li t-tieni imputazzjoni ma tinkwadra ruhha taht l-ebda Artikolu jew regolament indikat fin-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, u ghalhek il-Qorti mhix ser issib lill-imputati hatja ta’ din l-imputazzjoni u sejra tilliberahom minnha wkoll.

Kwantu ghat-tielet ur-raba' imputazzjonijiet, dawn jidhru li huma intestati taht l-Artikoli 45(c) tal-Kap 272, u 26(1) tal-Kap 423. Dawn huma disposizzjonijiet generali, u mill-provi prodotti huwa evidenti li tali permess jew licenzja jew awtorizzazzjoni kienet nieqsa. Madankollu, kif gia' inghad, ma jirrisulta li ebda distributur f'Malta jew f'Ghawdex, u l-ebda entita' ohra, m'ghandha tali permessi jew licenzji. Ghalhekk, ghalkemm qed jinghad li dawn iz-zewg reati jissussistu f'dan il-kaz, il-Qorti ser tapplika temperament fil-piena, peress illi l-ksur ta' dawn l-Artikoli huwa wiehed tekniku aktar milli bi hsieb hazin jew bi traskuragni tal-imputat Mariano Polidano. Kwantu ghat-tifel tieghu l-imputat Evan Polidano, l-ebda reat ma jista' jigi attribwit lilu, u ghalhekk hu ser jigi liberat minn kull htija w piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 18, 313 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikoli 18, 45(c), 46(1) tal- Kap 272 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikoli 18, 26(1)(2) tal-Kap 423 tal-Ligijiet ta' Malta;
Ir-Regolamenti 18, 28(1)(2)(3) tal- AL 249 tal- 2008;
U l-Artikoli 17, 31 u 533 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat **Evan Polidano** hati u ghaldaqstant tilliberah.

Issib lil **Mariano Polidano** hati tat- tielet (3) u r- raba' (4) akkuzi u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal-Artikolu 22 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.
Ma ssibux hati tal- ewwel (1) u t- tieni (2) akkuzi u ghaldaqstant tilliberah.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------